# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**~~1/19~~ 1/18**

**Minuti tal-ewwel (1) laqgħa b'urġenza ~~tad-dsatax (19) il-sena~~ tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar t-Tlieta 22 ta' Jannar, 2013 fis-6.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skużati:** | Is-Sur Carmel Camilleri | | Kunsillier (bagħat ittre inpenjat) |
| **Assenti:** | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |

***Aġenda: Ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv***

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

1 Is-Sindku u l-Kunsillieri bdew bit-talba.

**2 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

2.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li waqt il-Laqgħa tal-Kunsill tat-28 ta' Diċembru 2012 kien spjega li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien esiġa li l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera jerġa' jibda minnufih, il-proċess għas-Sejħa għall-Ħatra ta' Segregtarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Waqt l-istess laqgħa s-Sur Horace J Anastasi ppropona li jinħatar il-Bord tal-Għażla u wara diskussjoni nħatar il-Bord li kien jikkonsisti mis-Sindku bħala ċ-Ċermen, il-Vici Sindku u l-Kunsilliera, s-Sinjura Mariella Micallef, bħala Membri. Is-Sur Anastasi nforma lill-Kunsillieri preżenti li s-Sur Simon Cauchi kien ser jkun is-Segretarju Eżekuttiv fuq dan il-Bord tal-Għażla.

2.2 Is-Sur Anastasi stqarr li minn ħdax (11)-il kandidat li tefa' l-applikazzjoni għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv, kandidata waħda kienet eleġibbli; l-applikanti 'l oħra la kienu Segretarji Eżekuttivi ma' xi Kunsill Lokali u lanqas kienu kwalifikati bħala Segretarji Eżekuttivi Prospettivi. Is-Sindku poġġa fuq il-mejda d-dokumenti li fiehom kellhom ukoll, l-marki li ta' kull membru li kien fuq il-Bord tal-Għażla. Is-Sindku semma' li s-Segretarju Cauchi mexa mal-proċeduri stipulati fil-linji gwida għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv u, liċ-Ċermen u l-Membri tal-Bord indikat iffirmaw il-formoli : *Declaration – Conflict of Interest u*

*Declaration Eligibility of Candidate.* Iffirmaaw ukoll, il-Formoli *PSC* 6 u 7 flimkien mas-*selection sheet* bil-kriterji tal-*PSC* u ma' żewġ kopji tar-riżultat bil-firem taċ-Ċermen u tal-Membri 'l oħra. Is-Sur Anastasi informa lill-Kunsillieri preżenti li l-Kandidata Louise-Anne Gusman ġiet l-ewwel (1) bi tmenin (80%) fil-mija tal-marki. Il-Bord indikat mexa fuq dawk il-Kriterji tad-Dipartment tal-Gvern Lokali. Is-Sur Horace J. Anastasi rrimarka dwar ir-riżultat tas-Sinjura Louise-Anne Gusman :

| | | |
|---|---|---|
| ***Work experience*** | 20.66% | ***21%*** |
| ***Attitude*** | 19.33% | ***19%*** |
| ***Professional skill u command of subject*** | 21.00% | ***21%*** |
| ***Team Spirit*** | 19.33% | ***19%*** |
| ***Total*** | 80.32 % | ***80%*** |

2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-imsemmi Rapport.

2.4 F'dana l-istadju s-Sur Stephen Sultana staqsa lis-Sindku meta ntgħazlu l-membri tal-Bord u s-Sindku wieġeb li l-membri nħatru waqt il-laqgħa numru 46/18 tat-28 ta' Diċembru 2012.

2.5 Is-Sindku talab li jmorru għall-vot. Is-Sur Sultana qal li huwa kontra l-vot peress li hemm il-każ tas-Sur Denis Tanti pendenti fl-uffiċċju tal-OPM. Is-Sindku, s-Sur Anastasi, wieġeb li dan il-proċess qed isir b'direttivi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.6 Is-Sindku reġa' talab għall-vot. Is-Sindku s-Sur Horace J Anastasi, l-Viċi Sindku, s-Sur Ronald Briffa u l-Kunsilliera s-Sinj Mariella Micallef ivvutaw favur l-approvazzjoni tar-Rapport tal-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsillieri s-Sur Stephen Sultana stqarr li ma għandu xejn kontra s-Sinjura Louise-Anne Gusman imma, kien ser jivvota kontra. Il-Kunsillier is-Sur Cleaven Bugeja qabel mal-Kunsillier Sultana u vvota kontra.

2.7 Ir-Rapport tal-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv kien approvat bi 3 voti Favur u 2 Kontra.

2.8 Il-Kunsill ser jippubblika fuq in-*notice board* tiegħu l-lista uffiċjali tar-riżultat fil-*format* li jinsab mehmuz bħala skeda H u li hija ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

2.9 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45 ta' filgħaxija.

Is-Sur Horace J Anastasi
Is-Sindku

Is-Sinj Louise-Anne Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Illum, 7 ta' Frar 2013